Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1935

23.9.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1935**

**tat-22 ta' Settembru 2025**

**li temenda d-Deċiżjoni 2012/285/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea-Bissau**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/285/PESK ([1]).

(2) Skont l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni 2012/285/PESK, il-Kunsill irrieżamina l-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea-Bissau u jqis li jenħtieġ li sitt persuni jitneħħew mil-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi, kif tinsab fl-Anness III ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2012/285/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness III tad-Deċiżjoni 2012/285/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. JENSEN

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/285/PESK tal-31 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea-Bissau u li tħassar id-Deċiżjoni 2012/237/PESK (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/285/oj).

*ANNESS*

Fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2012/285/PESK ("Lista ta' persuni, entitajiet jew korpi msemmijin fl-Artikolu 2"), jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin:

1. António INJAI
2. Mamadu TURE
3. Estêvão NA MENA
4. Ibraima CAMARÁ
5. Daba NAUALNA

12. Júlio NHATE.